MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Appell Civili Numru. 33/1999/1

**Is-socjeta` Kummercjali G.V. Gozo Developments Company Limited u Emanuel Buttigieg, u b'nota tal-14 ta' Frar 2007, il-Psikjatra Dottor Joseph Vella Baldacchino u martu Jane Vella assumew l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` G.V. Gozo Developments Company Limited, u b'digriet tal-15 ta' Gunju 2007 in vista tal-mewt ta' Emanuel Buttigieg il-Qorti ordnat illi l-atti in kwantu jikkoncernaw lill-attur Emanuel Buttigieg jigu trasfuzi f'isem ibnu Emanuel sive Noel Buttigieg**

**v.**

**Coronato u Maria konjugi Pace**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell ad istanza tal-konvenuti minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Sezzjoni Generali, fis-6 ta' Dicembru 2006, fil-kawza fl-ismijiet premessi li permezz taghha gew milqughin it-talbiet attrici. F'din is-sentenza, mertu ta' l-appell in ezami, kien gie ritenut u deciz hekk,

"Il-Qorti,

"Ic-citazzjoni ta' l-atturi taqra:

"Illi huma proprjetarji u fil-pussess ta' porzjon art kull wiehed rispettivament, formanti parti mir-raba maghruf bhala 'Ta' Andar ix-Xaghri' sive 'Ta' Dandalona' fil-limiti tal-Qala, Ghawdex, liema porzjonijiet art huma accessibbli minn sqaq illi jaghti ghal Triq il-Wileg, Qala, Ghawdex;

"Illi recentement, u cioe` mill-ewwel jiem ta' Jannar elf disa' mija u disgha u disghin (1999) lil hawn, il-konvenut, abbuzivament, klandestinament u vjolentement u minghajr l-ebda jedd fil-ligi qabad u mblokka l-isqaq illi jaghti access lill-atturi minn Triq il-Wileg, Qala, Ghawdex, ghall-porzjonijiet raba msemmija, billi ddepozita gebel u blat kbir fl-istess sqaq;

"Illi l-atturi pprezentaw mandat ta' inibizzjoni numru 4/99 kontra l-konvenut biex ma jkomplix jimblokka l-isqaq imsemmi u ma jiddepozitax aktar gebel u blat fl-istess sqaq;

"Illi fl-atti tal-istess mandat il-konvenut iddikjara illi ma hux ser jiddepozita izjed gebel u blat fl-istess sqaq u mhux ser jimblokka aktar l-istess sqaq;

"Illi l-konvenut ma nehhiex il-gebel u blat illi inizjalment huwa ddepozita fl-istess sqaq a dannu ta' l-atturi u ghaldaqstant qed izomm u jfixkel l-access illi l-atturi u l-predecessuri fit-titolu taghhom dejjem u minn snin twal ilu kellhom ghar-raba taghhom;

"Illi l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin;

"Illi l-atturi jridu li l-konvenut jigi ordnat sabiex jispurga dan l-ispoll;

"Talbu, ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

"1. tiddikjara illi l-konvenut ikkommetta spoll a dannu ta’ l-atturi meta huwa vjolentement, klandestinament u abbuzivament iddepozita gebel u blat kbir fl-isqaq imsemmi biex b’hekk imblokka l-access illi l-atturi u l-predecessuri fit-titolu taghhom dejjem kellhom minn Triq il-Wileg, Qala, Ghawdex, ghal gor-raba taghhom;

"2. tordna lill-konvenut biex fi zmien qasir u perentorju jnehhi kull gebel u blat kbir illi huwa ddepozita fl-imsemmi sqaq u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi sabiex inehhu l-istess gebel u blat kbir mill-isqaq imsemmi bi spejjez a karigu tal-konvenut;

"Bl-ispejjez tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 4/99 u tal-prezenti procedura u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda annessa;

"Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew:

"1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu ma jissusistux l-elementi rikjesti bil-ligi sabiex jirradikaw l-azzjoni ta’ spoll;

"2. illi jekk hemm xi jedd favur il-proprjeta’ ta’ l-atturi fuq il-proprjeta’ tal-konvenuti dan huwa biss jedd ghall-passagg bir-rigel liema access qatt ma gie ostakolat mill-konvenuti.

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda annessa.

"Ezaminat ix-xhieda;

"Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

"Rat in-noti rispettivi ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti:

"Ikkonsidrat:

"L-elementi essenzjali li l-atturi kienu tenuti jippruvaw f'din l-azzjoni minnhom esperita ta' spoll kienu dawk konnessi mal-fatt ta' l-ispoll u l-pussess taghhom tal-haga stante illi mhux kontestat illi x-xoghol lamentat mill-atturi kostitwenti l-allegat spoll gie mwettaq entro t-terminu ta' xahrejn mill-prezentata tac-citazzjoni. Mill-fatti esposti f'din il-kawza jirrizulta li l-allegat att ta' spoll jikkonsisti filli l-konvenut, u dan jammettih hu stess, ddepozita gebel ta' daqs kbir fit-tarf ta' sqaq illi huwa accessibbli minn Triq il-Wileg fil-Qala, Ghawdex, u li joffri access ghall-ghelieqi aktar 'il gewwa. Jirrizulta bhala fatt illi l-atturi huma proprjetarji ta' porzjon art kull wiehed mir-raba maghruf bhala ta' 'Andar ix-Xaghri' sive 'Ta' Dandalona' li l-access ghalihom huwa mill-imsemmi sqaq. Il-konvenut in propositu jikkontendi illi b'daqshekk u [recte: hu] ma ostakolax il-passagg mill-isqaq billi jikkontendi illi l-atturi ghandhom biss dritt ta' tolleranza li jisservew minn dan il-passagg u li f'kwalsiasi kaz huwa ma ostakolax il-passagg li ghadu disponibbli bir-rigel nonostante l-gebel li huwa pogga f'dik il-parti ta' l-isqaq. Minn silta fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu (folio 183, senjatament it-tieni u t-tielet paragrafu) hu jghid illi "m'huwiex kontestat li dan il-passagg huwa wzat minn diversi persuni li jahdmu r-raba' fl-inhawi. L-inqas ma huwa kontestat li dan il-passagg gieli gie ezercitat b'vejkoli u makkinarju iehor. Madanakollu, meta l-passagg jasal fit-tarf tieghu, ossija fejn il-proprjeta' tal-konvenuti, dan jidjieq u jizvolgi ruhu f'passagg bir-rigel. Ghalhekk minn dina l-parti 'l quddiem, l-access jista' jigi ezercitat biss bir-rigel".

"Issa, dina hija kawza ta' spoll u tajjeb asserew l-atturi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom (folio 174/175) li dan (jigifieri jekk il-passagg huwiex transitabbli bir-rigel jew le) ftit li xejn jservi ta' difiza ghall-att arbitrarju u spoljattiv

kommess mill-konvenut. Dan hu provdut bl-aktar mod car u skjett fl-Artikolu 791 tal-Kodici ta' l-Organizzazjoni u Procedura Civili. Isegwi ghalhekk li jekk jirrizulta l-fattur ta' pussess fl-atturi skond kif rikjest mil-ligi ghall-fini ta' din l-azzjoni, billi 'ex admissis' jirrizulta l-att ta' spoll konsistenti f'gebel kbir li tpogga mill-konvenut fil-passagg in kwistjoni, irrispettivament minn kull kwistjoni ta' destinazzjoni tal-passagg (jekk huwiex bir-rigel jew xort ohra) allura ghandha tirnexxi l-azzjoni ta' spoll ta' l-atturi u ghandu l-konvenut jigi kkundannat li jirrentergrahom fil-pussess. Kull prova tendenti li turi l-kwalita' tal-uzu ma teliminax l-att arbitrarju.

Illi fil-kuntest tal-pussess rikjest biex tirnexxi l-azzjoni hu ricevut mill-gurisprudenza illi l-attur jrid jipprova li fil mument ta' l-ispoll huwa kien fil-pussess ta' l-oggett spoljat, imma tali pussess m'hemmx bzonn li jkun pussess b'titlu ta' proprjeta' jew servitu'; jibbasta pussess anki purament materjali sakemm ikun pussess 'di fatto' u mhux ta' mera tolleranza (*Appell: 26.01.1996 – Vassallo Gatt noe v Joseph Camilleri pro et noe*). L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest *(Gio Maria Tonna v. Gius Maria Tonna – PA 21 ta' Frar 1983)* izda pussess qasir ferm u sahansitra momentarju hu bizzejjed *(Vol.XXXVII.ii.642*). Wkoll jinhtieg li tali pussess jew detenzjoni ikun univoku *(Mathese (sic) Borg v Gorg Borg (PA: 25.02.1993*). L-attur allura ghandu qabel xejn jipprova l-elementi tal-pussess u ghandu jipprova b'mod konklussiv li ghandu 'un possesso di fatto' u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li m'hijiex bizzejjed biex isservi ta' fundament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta' din l-azzjoni (*Appell: Emmanuel sive Leli Sammut v John Sammut 31.03.2003*) b'daqstant pero' li la l-ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b'din l-azzjoni ta' spoll hu ghandu jkollu pussess esklussiv. Hu wkoll principju affermat fil-gurisprudenza li l-kompussessur jista' jagixxi b'din l-azzjoni kontra kompussessur iehor li jikkommetti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipprotegi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv (*PA: Alfred Pisani et v Victor Farrugia 21.01.1994).*

"Issa mill-assiem tal-provi din il-Qorti hi sodisfatta li l-elementi kollha ta' l-ispoll jirrizultaw pruvati anke in vista tal-fatt illi min jezercita poter ta' fatt fuq il-haga huwa prezunt pussessur u ghalhekk kien jispetta lill-konvenut, li kkontesta l-pussess fl-atturi, li jipprova li l-pussess vantat minnhom kien jikkostitwixxi att ta' tolleranza; "it-tolleranza ma ghandhiex tigi prezunta u ghandha tigi pruvata almenu 'prima facie'…. il-piz ta' din il-prova jinkombi fuq min jinvoka t-tolleranza" (per Onor. Imhallef Ph. Sciberras fil-kawza Caruana v Spiteri deciza 24.03.2004). Fil-fehma ta' din il-Qorti l-konvenut naqas wkoll f'din il-prova.

"Ghaldaqstant, taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi, tiddikjara illi l-konvenut ikkommetta spoll a dannu taghhom u konsegwentement tordnalu sabiex zmien xahar inehhi kull gebel u blat kbir illi huwa ddeposita fl-isqaq in kwistjoni u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi sabiex inehhu l-istess gebel u blat kbir mill-istess sqaq.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut."

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUTI</u>**

2.1 Il-konvenuti Coronato u Maria, konjugi Pace, hassew ruhhom aggravati b'din is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri hawn fuq citata u interponew appell minnha fejn talbu r-revoka ta' l-imsemmija sentenza, bic-cahda tat-talbiet attrici, u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.

2.2 L-aggravji tal-konvenuti jistghu jigu sintetizzati fis-segwenti lanjanzi:

(i) li jidher li l-ewwel Qorti ma fehmitx sew il-fatti mertu tal-kawza.

Il-passagg *de quo* kien wiesa' fil-bidu tieghu b'mod li kien jippermetti dhul anke b'vettura, pero` imbaghad kien jidjieq billi "jisvolgi ruhu (sic) f'passagg bir-rigel".

L-ewwel Qorti "hasbet li l-materjal tpogga fil-bidu tal-passagg in kwistjoni, biex b'hekk gie ostakolat ukoll il-

passagg bil-vetturi li hemm fuq l-ewwel parti tal-passagg", mentri dan ma kienx il-kaz.

(ii) li l-ewwel Qorti ma fehmitx x'kien it-tip ta' pussess li l-atturi jgawdu fuq il-propreta` *de quo*. Il-pussess li kellu jigi tutelat kien biss il-passagg bir-rigel u mnejn l-atturi ppretendew li setghu jghaddu b'vetturi.

Jekk l-atturi ghaddew minn hemm mod iehor "dan kienu qed jaghmluh konxjentement biss b'mera tolleranza", u li allura

(iii) Isegwi li, bil-maqlub ta' dak deciz, il-konvenuti, bhala fatt, ma spoljaw lil hadd mill-ebda pussess.

(iv) ir-raba aggravju hu biss rikonfezzjoni taz-zewg aggravji precedenti in sostenn tat-tezi ta' l-appellanti li min-naha taghhom ma gie kommess ebda spoll.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELLATI</u>**

3. L-atturi appellati wiegbu fit-tul biex juru li l-appell interpost mill-konvenuti kellu jigi michud u s-sentenza ta' l-ewwel Qorti kkonfermata, u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

4. L-appell jikkoncerna allegat spoll li l-atturi appellati jsostnu li gie kommess mill-konvenuti meta gie ingombrat b'gebel kbir l-access minn passagg li l-istess atturi jghidu li kellhom minn sqaq li jaghti ghal Triq il-Wileg, Qala, Ghawdex, sabiex jintlahqu zewg porzjonijiet ta' art maghrufa bhala "Ta' Andar ix-Xaghri sive Ta' Dandalona". Il-konvenuti appellanti eccepew li t-talbiet attrici ghall-fini ta' l-ispurgar ta' dan l-allegat spoll kellhom jigu respinti billi l-elementi ta' l-*actio spolii* ma kenux jissussistu b'dak li sar min-naha tal-konvenuti, la fil-fatt u lanqas fid-dritt. L-ewwel Qorti ddecidiet billi ma laqghetx dak li gie eccepit mill-konvenuti izda laqghet, invece, it-talbiet attrici kif dedotti. F'termini aktar semplici, il-konvenuti jikkontendu li l-passagg *de quo* ma kienx <u>kollu</u> ta' l-istess xorta. Kien jibda bhala passagg b'wisgha sufficjenti li jippermetti access anke ta' vetturi, imma meta mbghad jasal ghall-

parti aktar interjuri, kien jidjieq b'mod u manjiera li kien jippermetti biss il-possibilita` ta' passagg bir-rigel.
5. Din il-Qorti wara li ezaminat mill-gdid u bl-akbar reqqa l-provi kollha li gew prodotti kemm min-naha u kemm minn ohra, hija tal-ferma konvinzjoni li dak li gie ritenut u finalment deciz mill-Qorti ta' l-ewwel grad kien gust u korrett. Trattandosi hawn ta' kawza ta' spoll, din il-Qorti terga' taghmilha cara, ghall-ennezima darba, li m'hijiex sejra tippermetti li tikkunsidra provi li stricto jure jappartjenu lil kawza fil-petitorju, u li kwindi jezorbitaw ghal kollox minn dak li huwa permissibbli u konsentit f'kawza strettament possessorja bhax-xorta in ezami. *Multo magis* meta jirrizulta sufficjentement evidenti f'hiex kien jikkonsisti l-pussess pretiz kemm min-naha u kemm minn ohra.

6. Mill-provi prodotti jirrizulta li mill-passagg *de quo* kien effettivament isir uzu kemm mill-atturi kif ukoll minn terzi. Jirrizulta wkoll *ex admissis* li f'perjodu partikolari, il-konvenuti, jew ahjar il-konvenut Coronato Pace, pogga gebel kbir biex parti mill-imsemmi passagg jidjieq talment li ma jkunx jippermetti aktar access ghall-partijiet aktar 'il gewwa minnu jekk mhux bir-rigel, u dan minkejja l-fatt li l-istess konvenut kien konsapevoli tal-fatt - ghalkemm jghid li hu dejjem irrezistieh - li l-atturi mhux biss kienu jippretendu li setghu jghaddu minn hemm bil-vetturi imma li anke bhala fatt gieli ghamlu hekk. Di fatti, il-konvenut Coronato Pace (ara affidavit, fol. 65 tal-process, f'para. 6) jghid *inter alia* hekk,
"L-atturi ..... bdew jippretendu li l-isqaq li semmejt jinfetah anke fit-tarf tieghu biex ikunu jistghu jibqghu dehlin minnu ghal gor-raba tieghu. Dan minkejja li huma ma jistghux ikomplu ghaddejjin b'dawn il-vetturi mill-art tieghi ghal gol-proprjeta` taghhom minhabba l-istat ta' l-art u minhabba l-hitan li hemm. L-atturi qed jippretendu li jidhlu bil-vetturi u jghaddu minn fejn iridu u jpoggu l-vetturi taghhom kull fejn iridu. Jiena dan ma accettajtux u kull meta xi hadd ipprova jwessa' jew inehhi l-gebel fit-tarf ta' l-isqaq dejjem zammejtu."

Il-konvenut Coronato Pace ried jaghti x'jifhem li l-pussess legali tal-passagg kien f'idejh u biex jiddimostra dan

ipprezenta numru ta' kuntratti u dokumenti. Din il-Qorti, minghajr ma tidhol fil-kwistjoni tat-titlu ta' proprjeta`, ghar-ragunijiet gia` msemmija, tirrileva li minkejja dawn il-provi da parti tal-konvenuti, xorta wahda ma tirrizultax xi prova netta u inekwivoka ta' dak vantat mill-konvenut Coronato Pace. Fil-fatt, il-konvenut Coronato Pace xehed li qabel ma ingombra dan il-passagg huwa kien mar ikellem lill-awtur tieghu, jigifieri lil John Zammit, li kien zijuh, kien tkellem anke mal-kontro-parti u hass il-bzonn li jaghmel ricerki notarili. Huwa jixhed hekk (fol. 65) in propozitu,
"Sadanittant fittixt ukoll il-kuntratt ta' akkwist ta' min biegh lis-socjeta` attrici. Kienet xtrat minghand certu Salvatore Attard. Sibt li fuq l-att Attard kien xtara erba' sieghan u seba' kejliet raba. Wara li vverifikajt dan kollu, ghamilt hajt tal-kantun b'gholi ta' filata u ghamiltu fejn kellha tigi l-linja divizorja.

Hekk kif tellajt il-hajt sar mandat mis-socjeta` attrici fil-konfront tieghu. Dan sar fl-24 ta' Frar, 1997. Liz-ziju Ganni ghidtlu b'dak li kien gara u qalli ma ninkwetax. L-ghada qalli biex innehhi l-hajt. Dakinhar stess mort nehhejt il-hajt u hallejt kollox f'idejn is-sidien. Ma bqajtx nindahal fil-kwistjoni.

Pero` wara li ghaddiet xi sena thajjart nixtri r-raba taz-ziju. Sabiex nixtri minghand z-ziju kellna naghmlu r-ricerki taghna. Minn dawn ir-ricerki skoprejna illi z-ziju kien xtara minghand certu Xerri u li dan kien akkwista mhux biss ir-raba li kien qed jokkupa sa dak iz-zmien izda anke r-raba li kienet in parti fil-pussess ta' Vella.

x x x

omissis

x x x

B'kuntratt tal-10 ta' Ottubru 1997, fl-atti tan-nutar Silvio Hili, iz-ziju biegh din l-art lili konsistenti fi tlett apprezzamenti kollha bil-kejl ta' cirka 5403 metri kwadri. Dan l-att gie kkoregut b'att iehor tat-23 ta' Settembru

<u>1998, wara li lili rrizultali li effettivament porzjon minnhom kienet giet murija hazina fil-pjanta msemmija</u>.....

Jiena bdejt ninisti ma' l-atturi li l-access taghhom kien mill-isqaq li semmejt u li <u>ma kellhom ebda dritt jghaddu minn fuq</u> art ohra <u>tieghu (sic) ghajr</u> <u>mill-imsemmi sqaq</u>. L-atturi donnhom accettaw dan kollu <u>izda mbaghad bdew jippretendu li l-isqaq li semmejt jinfetah anke fit-tarf tieghu biex ikunu jistghu jibqghu dehlin minnu ghal gor-raba tieghi</u>...."
(Sottolinear tal-Qorti).

<u>Kien wara dan in-nuqqas ta' qbil</u> li l-konvenut Coronato Pace iddecieda li jingombra parti minn dan il-passagg, u kienet sewwa sew din it-turbattiva li tat lok ghall-ispoll. Jekk tassew il-pussess legali ta' din il-parti tal-passagg kienet tappartjeni lill-konvenuti u kull access minnha kien isir b'mera tolleranza - fatt ikkontestat totalment mill-parti attrici - il-konvenuti xorta wahda ma messhomx irrikorrew ghar-"*ragion fattasi*" billi jiehdu l-ligi b'idejhom u jissostitwixxu d-decizjoni ta' qorti kompetenti biex tiddeciedi hi l-materja u jaqbdu, minflok, u jaghmlu fattihom.

7. Il-konvenuti appellanti tellghu numru ta' xhieda midhla ta' dawn l-ambjenti biex juru li bhala fatt, kulhadd kien jaf li hemmhekk l-access f'dik il-parti tal-passagg *de quo* kienet tkompli u setghet issir biss bir-rigel, jew inkella billi jsir access alternattiv minn "selha" fil-hitan tas-sejjiegh, jew billi jigu rimossi l-gebel ingombranti l-passagg, b'dan pero` li, wara, kollox jerga' jitqieghed lura bhal qabel. Apparti li dan l-istat ta' fatt hu kkontestat mill-atturi, ix-xiehda tal-konvenut stess, kif ukoll dik moghtija minn Theresa Buttigieg, Joseph Bigeni u Michael Camilleri lanqas ma hija ghal kollox konvincenti dwar din it-tezi tal-fatti avanzata mill-konvenuti. Dawn id-diversi xhieda l-ewwel jixhdu b'certu mod affermattiv u kategoriku, imma mbaghad jispiccaw jittitubaw sew waqt il-kontro-ezami b'mod li jirrendu kollox incert u dibattibbli.

8. Gia` sar accenn ghall-fatt li minkejja li l-konvenut Coronato Pace jasserixxi li hemmhekk kien jappartjeni lilu,

huwa kellu jaghmel diversi ricerki biex "jiskopri" dan kollu, u sa anke kellu jirrikorri ghal att korrettorju "ghax il-pjanta relattiva saret hazin". Jixhed li r-restrizzjoni ta' dan il-passagg ghal wiehed li jippermetti d-dhul ta' ingenji ghal iehor bir-rigel kienet hekk ghaliex (fol. 63):
"Milli nista' nifhem din gejja mill-antik."

Mistoqsi in kontro-ezami x'kienet ir-raguni l-ghala ma hassx il-bzonn li lill-Pulizija jispjegalhom dwar l-ingress alternattiv li kien isir billi l-utenti tal-vetturi tat-terz jaghmlu "selhiet" lateralment fil-hitan tas-sejjiegh, huwa jwiegeb li dawn ma qalilhomx bih ghax ma giex mistoqsi dwaru jew jghid li ma jiftakarx x'kien qalilhom lill-pulizija (ara fol. 113 et seq. tal-process). Ix-xhud Theresa Buttigieg fl-istess waqt li tghid li kienet certa li hadd ma seta' jghaddi mill-fetha li hemm taghti ghall-art tal-konvenuti hlief bir-rigel (fol. 82), fl-istess waqt tghid ukoll li:
"Nifhem li fl-antik kienu jidhlu bil-karettun."

Bl-istess mod kategoriku xehed Joseph Bigeni, prodott mill-konvenuti dwar il-passagg bir-rigel, izda meta in kontro-ezami huwa gie mistoqsi dwar access b'karettuni jew vetturi kbar minn hawnhekk, u dwar il-wisgha tal-passagg huwa jwiegeb hekk (fol 154):-
"Wiesa' kemm jghaddi karettun ghax jiena darba mort hemm. Lanqas darbtejn. Darba mort infittex ir-raba tieghi ghax ma nafx fejn hu u l-gimgha l-ohra mort biex nara ezatt ezatt fejn hi taghna."

Fl-ahhar tad-deposizzjoni tieghu Bigeni jikkoncedi li karettun seta' jghaddi sew minn dik il-parti tal-passagg (fol.155). Mistoqsi in kontro-ezami jekk l-access mill-passagg *de quo* kienx wiehed wiesa' jew le, ix-xhud l-iehor Michael Camilleri, prodott mill-konvenuti, jixhed hekk (fol. 156),
"L-access wiesa' li tghaddi l-karozza. Dak ghidtlu [recte: ghidtu] l-ahhar darba jien li ma kenux hemm il-gebel. Il-gebel issa qieghed hemm."

9. Quddiem provi bhal dawn, l-ewwel Qorti kienet ghal kollox gustifikata u korretta li tasal ghall-konkluzjoni - l-unika wahda li fil-fatt setghet tasal ghaliha - li hawn si

trattava tassew ta' att spoljattiv kommess mill-konvenut Coronato Pace meta dan arbitrarjament iddecieda li jqiegħed gebel kbir f'parti mill-passagg li minnu kienu jghaddu l-atturi anke permezz ta' vetturi. Isegwi wkoll ghalhekk li l-lanjanzi ripetuti da parti ta' l-appellanti fis-sens li l-ewwel Qorti fehmet kollox hazin jew li m'afferratx sew il-fatti, huma ghal kollox infondati u minghajr ebda bazi. Jekk verament huwa minnu li hemmhekk kien jippermetti biss dhul bir-rigel ghaliex bi dritt kollox jappartjeni lill-konvenuti, il-konvenuti kien messhom agixxew billi jottjenu mandat ta' inibizzjoni kontra l-atturi u jirrivendikaw, permezz ta' azzjoni fil-petitorju, l-imsemmi titlu hekk vantat minnhom. Minflok, il-konvenuti ghazlu t-triq tar-*ragion fattasi* li ma ssib l-ebda konfort, sostenn jew simpatija fl-ordinament guridiku taghna.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma in toto is-sentenza appellata, tichad l-appell tal-konvenuti bl-ispejjez taz-zewg istanzi interament kontrihom u b'dan li t-terminu ta' xahar li gie prefiss mill-ewwel Qorti fuq il-konvenuti ghalbiex jigi spurgat l-ispoll bit-tnehhija ta' kull gebel u blat imqieghed fis-sit *de quo*, u fin-nuqqas l-atturi appellati jkunu awtorizzati li jnehhu l-istess ingombri, ghandu jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------